## Nota dwar l-Ewkaristija

Nixtiequ nieħdu din l-opportunità sabiex infakkru lill-fidili Kattoliċi dwar il-qima u r-rispett li għandha tintwera lis-sagrament tal-Ewkaristija waqt il-mument tat-tqarbin. It-tqarbin se jsir biss fl-idejn. Filwaqt li għandha tittieħed kull prekawzjoni iġjenika (kif indikat mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika), kemm mis-saċerdoti u mill-ministri straordinarji tat-tqarbin, kif ukoll minn min qed jitqarben biex l-imxija ma tixteridx, nixtiequ nfakkru dwar dawn l-aspetti:

(i) Fl-Ewkaristija hemm il-Ġisem u d-Demm, ir-Ruħ u d-Divinità ta' Ġesù Kristu Rxoxt taħt l-ispeċi sagramentali tal-ħobż u tal-inbid.

(ii) Din hi preżenza reali, u mhux biss simbolika. Il-preżenza reali ta' Kristu Rxoxt taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid tibqa' sakemm tibqa' l-integrità tal-ispeċi.

(iii) Għandna dejjem nuru rispett u delikatezza meta jinġabru l-frak tal-ostji waqt li jitnaddfu l-patena, iċ-ċiborju u l-pissidi. L-istess rispett u delikatezza għandha tintwera waqt il-purifikazzjoni tal-kalċi li fih kien hemm id-Demm ta' Kristu.

(iv) Kull min jinsab fi stat li fih jista' jersaq għat-tqarbin, għandu jersaq bi prudenza, filwaqt li jirrispetta d-direttivi kollha li ngħataw. It-tqarbin fl-idejn mhuwiex kuntrarju għat-tagħlim dwar l-Ewkaristija, jew kuntrarju għar-rispett lejn Ġesù f'dan is-sagrament. It-tqarbin fl-idejn hija prassi antika ħafna fil-Knisja, u xhieda ta' dan huma Missirijiet il-Knisja u kitbiet bikrija oħra tal-Knisja.

(v) "L-Ewkaristija, anki jekk hi l-milja tal-ħajja sagramentali, mhix xi premju għall-perfetti biss, imma hi duwa b'saħħitha u ikel għad-dgħajfin" (Il-Papa Franġisku, *Evangelii gaudium,* 47).

Kummissjoni Dottrinali
Mejju 2020